MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 13/2007

**Doris Giordimaina**

**vs**

**Oxford Mobbli Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fid-29 ta’ Jannar 2007 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta’ elf u hamsin Liri Maltin (Lm1050) rapprezentanti prezz ta’ kamra tas-sodda illi zviluppawlha diversi hsarat.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtrat kamra tas-sodda fit-28 ta’ Mejju 2005 minghand id-ditta intimata ghall-prezz ta’ elf u hamsin liri Maltin (Lm1050) u wara ftit taz-zmien zviluppaw hsarat illi minkejja li saru zewg tentattivi mid-ditta intimata sabiex issewwi dawn il-hsarat, din il-kamra tas-sodda baqghet bil-hsara.

L-intimat baghat risposta ghal din it-talba izda ma attendiex ghas-seduta minkejja li kien notifikat kemm bl-avviz tat-talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh.

It-Tribunal jinnota illi l-intimat ma attendiex ghas-seduta u jikkonsidra illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija veritjera stante illi l-intimat ma ssostanzja xejn minn dak illi kiteb fir-risposta tieghu u t-Tribunal huwa konvint mill-verzjoni tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas is-somma ta’ elf u hamsin liri Maltin (Lm1050) bl-ispejjez kontra l-istess intimat b’ dan illi l-kamra tas-sodda ssir proprjeta` ta’ l-intimat meta jkun sar il-hlas.”

L-appell tas-socjeta` konvenuta di fronte ghal din is-sentenza hu hekk koncepit. Veru li hi naqset li tidher ghas-smiegh tal-kawza pero` it-Tribunal lanqas seta’ jinjora r-risposta taghha, senjatament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha opposta ai termini ta’ l-Artikolu 1431 (1) fil-Kapitolu 12 (*recte,* 16). Dan igib, dejjem skond l-istess socjeta` konvenuta, illi t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u ta’ l-ekwita` skond il-ligi. Tikkontendi, inoltre, illi s-sentenza lanqas ma tirrifletti l-

gustizzja sostantiva in kwantu t-Tribunal skarta wkoll il-fatt illi l-attrici zammet l-ghamara ghandha ghal snin shah u ghamlet uzu minnha. Hi ma tistax, konsegwentement, wara dan iz-zmien tippretendi r-rimpjazzament tal-ghamara jew ir-rexxissjoni ghax messha agixxiet tempestivament malli kkonstatat li s-sett tal-ghamara ma kienx tal-kwalita` pattwita;

Huwa apparentement wisq evidenti mill-atti processwali illi din il-kawza ma gietx ikkultivata kif imiss. Dan qed jigi rilevat in kwantu mhux car jekk il-fatti jipprospettawx kuntratt ta' kompravendita jew, invece, dak ta' *locatio operis*. Fl-avviz promotur taghha l-attrici tirreferi ghal xiri minnha tas-sett tal-kamra tas-sodda, u fuq dan il-binarju hi wkoll is-sentenza appellata. Ghal kuntrarju, s-socjeta` appellanti issostni fir-risposta taghha illi x-xoghol sar skond l-arti u s-sengha u tali kwalita` jaghmel il-kontrattazzjoni tirrientra fl-ambitu ta' l-appalt jew *locatio operis*. Fl-istess nifs, pero`, din l-istess socjeta` topponi ghat-talba attrici l-preskrizzjoni applikabbli taht l-istitut tal-bejgh ghall-vizzju redibitorju fil-haga. Biex aktar tizdied il-konfuzjoni issa fil-korp tar-rikors ta' l-appell taccenna ghall-mankanza tal-kwalita` pattwita fil-haga venduta, u, kif saput, it-teorija relattiva ghal din il-kwalita` u dik tal-vizzju redibitorju mhux l-istess haga. Ara "**Carmelo Xuereb -vs- Nazzareno Azzopardi**", Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1943. Huwa induttiv minn dan kollu, anke ghar-raguni illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma offrietx il-provi taghha fir-rigward ghall-iskop ta' diskussjoni, illi r-relazzjoni kontrattwali insorta x' aktarx hi relatata ma' kompravendita u, allura, regolata bid-disposizzjonijiet relattivi ghal dan l-istatut;

Dan ipprecizat, huwa kjarament ovvju wkoll illi t-Tribunal injora ghal kollox fis-sentenza tieghu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta. Dan bi ksur tal-proviso ghall-Artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 378 li jistipula li "kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata' skond il-ligi". Hu provvdut mill-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi l-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni ghandha tigi deciza b’ kap separat, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. “Jekk din ir-regola ma tigix osservata l-uniku rimedju huwa dak li s-sentenza appellata tigi annullata minhabba difett ta’ forma, u l-atti jigu mibghutin lura lill-ewwel Qorti.” (“**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**”, Appell, 12 ta’ Mejju, 1997). F’ dawn ic-cirkustanzi l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara nulla s-sentenza hawn appellata. Mhux il-kaz, pero`, li l-Qorti tibghat lura l-atti lit-Tribunal u dan in vista ta’ dak li jinghad fl-ahhar parti tas-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994 li jrid li meta l-Qorti thassar is-sentenza ghandha tiddefinixxi l-materja hi stess. Dan, skond id-dispost ta’ l-Artikolu 21 fuq imsemmi;

Hu statwit fl-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili illi l-azzjoni redibitorja jew dik stimatorja taqa’ bil-preskrizzjoni, fil-kaz ta’ mobbli, bl-eghluq ta’ sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha. Dejjem jekk din il-preskrizzjoni kienet dik idoneja ghall-fattispeci u l-kwestjoni verament kienet taggira fuq id-difett redibitorju, kien jaggrava fuq is-socjeta` appellanti illi tipprova, fil-minimu, illi z-zmien fuq imsemmi ta’ sitt xhur iddekorra. Din hi prova ferm importanti ghaliex fil-kaz ta’ din ix-xorta ta’ azzjoni l-ligi ma torbotx it-trapass taz-zmien “minn dakinhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata” (Artikolu 2137, Kodici Civili) izda taghmel dan id-dekors “minn dakinhar li seta’ jkun li hu (ix-xerrej) jikxef dak id-difett” (subinciz 2 ta’ l-artikolu 1431). Ara “**Joseph Zerafa *et* -vs- Saviour Delia *et***”, Appell, 4 ta’ Gunju, 1997 u, b’ aktar approfondiment, “**Carmelo Dimech -vs- Francis Xuereb *et***”, Appell, 15 ta’ Dicembru, 1997);

F’ dan il-kaz minn certu taghrif li jirrizulta mill-istess att promotur tat-talba jirrizulta li saru xoghlijiet riparatrici mis-socjeta` appellanti fuq is-sett tal-ghamara pero` z-zmenijiet ta’ meta dawn saru mhux maghruf. Jezisti, imbaghad, kuntrast gurisprudenzjali jekk it-terminu ghad-dekorriment ta’ l-azzjoni huwiex wiehed preskrittiv jew dekadenzjali, ghax kif jinsab ritenut “meta hemm it-test tal-ligi stess li jiddikjara esplicitament illi terminu hu ta’

preskrizzjoni, il-kwistjoni tad-distinzjoni (bejn preskrizzjoni u dekadenza) anqas biss tqum …. L-Artikolu 1481, Kodici Civili (illum Artikolu 1431) espressament isemmi preskrizzjoni tant fil-korp tieghu kemm fit-titolu marginali.” (“**Carmelo Caruana *et nomine* -vs- Salvatore Farrugia**”, Appell Civili, 1 ta’ Awissu, 1966). Hu ta’ liema speci hu z-zmien, huwa evidenti bosta illi s-socjeta` appellanti, ammess li l-azzjoni hi wahda redibitorja, irrikonoxxiet il-vizzju fl-oggett vendut tant li ghaddiet biex taghmel ir-riparazzjonijiet okkorrenti. Ankorke mhux maghruf jekk dan ir-rikonoxximent u ezekuzzjoni tax-xoghlijiet ta’ tiswija sarux fiz-zmien utli tas-sitt xhur li ssemmi l-ligi, u ankorke dan it-terminu ghandu jitqies wiehed ta’ dekadenza, dik il-konfessjoni tas-socjeta` appellanti ta’ l-ezistenza u pre-ezistenza tal-vizzju kienet tillegittima d-dritt ta’ l-azzjoni. Ara “**Joseph Tanti Palmier -vs- Joseph Runza Mifsud *nomine***” Qorti tal-Kummerc, 25 ta’ Novembru 1960;

Dan premess, lanqas ma jidher li dik il-preskrizzjoni a norma ta’ l-Artikolu 1431 tista’ titqies ammissibbli, gjaldarba, kif anke huwa rikonoxxut mill-istess socjeta` appellanti, hawnhekk non si tratta ta’ vizzju redibitorju imma ta’ ipotesi ta’ oggett mibjugh difformi mill-kampjun. L-istess *invoice* esebita a fol. 24 tirreferi ghas-*sample* li presumibilment kien intwera lill-appellata. F’ dan il-kaz il-preskrizzjoni hi xort’ ohra minn dik traccjata fl-Artikolu 1431 izda la dik il-preskrizzjoni l-ohra skond l-Artikolu 1407 (1), Kapitolu 16, ma gietx sollevata, il-Qorti, lanqas kieku trid, ma tista’ *ex officio*, taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Ara Artikolu 2111, Kodici Civili. Ghal kull bwon fini hu dejjem mahsub f’ dan il-kuntest illi skond ir-rieda tal-legislatur taht il-ligi specjali l-perijodu ta’ preskrizzjoni, ghal kaz ta’ nuqqas ta’ konformita` mal-kampjun jew mal-kwalita` mweghda, ghandu jitqies sospiz sakemm idumu ghaddejjin in-negozjati bejn il-kummercjant u l-konsumatur bil-ghan li jintlahaq ftehim amikevoli. A propozitu, l-Artikolu 78 ta’ l-Att. Din il-qaghda hi sew distinta minn dik generali taht il-ligi komuni, fejn, skond gurisprudenza konkordi, l-istess trattattivi ma jissospendux iz-zmien (ad eccezzjoni, ta’ azzjoni ghad-

danni, ex-Artikolu 2125 (d), Kodici Civili), lanqas ghal skop ta’ soluzzjoni bonarja tal-kwestjoni. Ara, ad ezempju, “**Emmanuele Camilleri *nomine* -vs- Anthony Calascione *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 29 ta’ Ottubru, 1954, u “**Carmelo Attard *et nomine* -vs- Domenic Micallef *et nomine***”, Appell, 19 ta’ Novembru, 2001;

Taht dawn ic-cirkustanzi, anke ghaliex is-socjeta` appellanti baqghet passiva u ma ressqet ebda provi fil-mertu biex verament tikkuntrasta dak pretiz mill-appellata, una volta, kif irrizulta, ir-rimedju tat-tiswijiet ma gab ebda soljev lill-appellata din kellha kull dritt li titlob ir-rexxissjoni tal-ftehim u r-rimbors tal-prezz li hallset ghall-oggetti mixtrija. Ara f’ dan is-sens l-Artikolu 76 ta’ l-Att imsemmi. B’ danakollu, gjaladarba s-sett ilu mizmum mill-appellata, u, presumibilment, uzat ukoll minnha ghal xi zmien, hi sew gustizzja sostanzjali, sew dritt ekwitattiv illi r-rifuzjoni lura tal-prezz ghandu jonqos mill-anqas b’ mitejn lira (Lm200).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi fl-ewwel lok tannulla s-sentenza appellata in kwantu din naqset milli tokkupa ruhha, u tiddeciedi wkoll, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta a tenur ta’ l-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili. Fil-mertu, tichad din l-istess preskrizzjoni billi tqisha mhux applikabbli ghall-fattispeci u konsegwentement tghaddi biex tilqa’ t-talba ta’ l-appellata. Tikkundanna lis-socjeta` appellanti biex tirrifondi lura lill-appellata s-somma ta’ tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm850), ekwivalenti fil-munita korrenti ghal elf disa’ mija disgha u sebghin euro u sebgha u disghin centezmu (€1979.97) b’ dan illi, kontemporanjament ma’ dan il-hlas, l-appellata ghandha tikkonsenja lura lis-socjeta` appellanti s-sett tal-ghamara tas-sodda komprata. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------